MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Rikors Numru. 68/2012

**A B**
**vs**
**C *sive* D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-partijiet izzewgu fid-29 ta' Gunju 1985, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Myriam Spiteri Debono ppubblikat fl-1 ta' Gunju 1992;

Illi m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ma hemm ebda kwistjoni dwar il-manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant il-partijiet umilment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tawtorizza lir-rikorrenti tiehu lura kunjom xbubitha u cioe' l-kunjom "Bondin";

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat lil-konvenut debitament notifikata ddikjarat li ma topponix ghat-talba;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet il-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u jinsabu sodisfatti l-kondizzjonijiet tad-dispozizzjoni tal-ligi fuq citata; ghalhekk it-talbiet attrici jimmeAw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u wkoll tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha "Bondin". Tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------